ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 48 IT-TLIETA, 14 TA' AWWISSU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tlieta, 14 ta' Awwissu 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ghaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Josef Aquilina – Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**47/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**47/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Josef Aquilina li ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**47/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 47**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 47 li nżammet nhar it-Tnejn 6 ta' Awwissu 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 47 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**47/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**47/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**47/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li bħalma diġa nfurma s-Sur Kenneth Brincat irriżenja mill-kariga fit-13 ta' Awwissu 2018 u daħlet fis-seħħ il-ħidma tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri, fejn matul il-ġurnata kienet preżenti fl-uffiċċju. Fil-fatt aktar kmieni matul il-ġurnata sar staff meeting fejn kulħadd kellu l-opportunita' jitlaqa' u jiddiskuti mad-Deputat Segretarju l-andament tax-xogħol tiegħu.

**47/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li aktar kmieni kellu laqgħa mar-rappreżentanti ta' WastServ dwar il-ġbir tal-iskart organiku. Is-Sindku ta spjega tal-inizzjattiva, fejn ġiet diskussa anke l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku stieden lil membri sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom sabiex tiġi ffinalizzata l-iskeda ta' ġbir ta' skart sabiex jiġu nfurmati r-residenti.

**47/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' kuntrattur privat li qed joffri servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ mid-djar wara l-5.00p.m. Il-Kunsillier Renald Falzon staqsa xi spejjeż hemm involuti għal dan is-servizz. Is-Sindku nfurma li dan is-servizz qed jiġi offrut mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**47/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa li x-xogħol fuq il-proġett ta' Triq San Bastjan jinsab għaddej b'ritmu tajjeb. Is-Sindku nfurma li kien hemm inċident żgħir fejn tqaċċat pipe tal-hydrolic u ċċappas il-pedestall tal-istatwa. Is-Sindku nfurma li sar kuntatt b'mod immedjat mar-restawratur u ġejna nfurmati li m'hemmx ħsarat. Is-Sindku nfurma wkoll li nqala' l-ħadid tad-dawra tal-istatwa sabiex jiġi restawrat ukoll. Is-Sindku nfurma li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni forsi jiddaħħlu aktar parking spaces, wara li r-residenti lmentaw għat-tneħħija tal-parking spaces li kien hemm fi Triq San Bartolomew u Triq San Bastjan. Inqalgħet problema oħra fejn ir-residenti qed jilmentaw li jekk il-parking isir fish-bone, l-exhaust se jispiċċa ġo fihom. Dan minbarra diffikultajiet ta' mobilita' biex l-istess vetturi joħorġu mill-bays proposti. Is-Sindku fakkar li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett se ssir fid-19 ta' Ottubru 2018.

**47/05** **RAPPORTI**

**47/05/01** **APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE APPRAISAL TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV KENNETH BRINCAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq l-*Performance Appraisal Report* tas-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat u ppropona li s-Sur Brincat jingħata 10% tal-Performance Bonus, għall-ħidma mpekkabbli tiegħu matul din is-sena.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda.**

Il-Kunsill approva unanimament.

**47/05/02 LAQGĦA MAS-SUPRETENDENT VICTOR AQUILINA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li kellu laqgħa mas-Supretendent ġdid tal-Pulizija, s-Sur Victor Aquilina, fejn ġew diskussi bosta issues.

**47/05/03 TENDERS**

Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed issir l-Evalwazzjoni tat-tenders li għalqu fil-ġranet li għaddew.

Barra minhekk se tkun qed tinħareġ sejħa għal Contract Manager u Street Lighting.

Il-Kunsill approva nem.con

**47/08 MOZZJONIJIET**

**47/08/01 MOZZJONI 89/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni għat-twaqqif tal-Bord tal-Għażla għall-intervisti tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv;

*Wara r-riżenja tas-Sur Kenneth Brincat minn Segretarju Eżekuttiv, qed nipproponi l-ħatra talBord tal-Għażla kif ġej:*

*Chairperson: Sindku Jesmond Aquilina*
*Deputy Chairperson: Vici Sindku Bjorn Azzopardi*
*Membri: Kunsillier Ralph Puli, s-Sur Kenneth Brincat.*
*Segretarju : Paul Gatt (Segretarju Ezekuttiv Naxxar)*

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li s-Sinjura Karen Camilleri uriet ix-xewqa li tapplika għal din il-kariga u għaldaqstant, minħabba kunflitt ta nteress ma tistax tassisti lill-Bord bħala Segretarja tal-istess Bord u kien għalhekk li ddaħħal is-Sur Gatt.

Is-Sindku nfurma li s-sejħa tagħlaq fit-28 ta' Awwissu u l-intervisti se jinżamm nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 2018 mill-5.30p.m. 'l quddiem.

**DOK 'B'**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0)

ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 89/2018.

**47/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum ___ ta' _________ 2018.**